KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
WAHL
ippreżentati fl-24 ta' Jannar 2019 [1]

Kawża C-660/17 P

RF
vs

Il-Kummissjoni Ewropea

"Appell — Nuqqas ta' osservanza tat-terminu għall-preżentata ta' rikors quddiem il-Qorti Ġenerali — Difiża — Dewmien anormali fil-kunsinna postali — Artikolu 45 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea — Eżistenza ta' każ fortuwitu jew ta' forza maġġuri — Kriterji ta' evalwazzjoni"

1. Sabiex jiġu żgurati opportunitajiet ugwali għall-partijiet quddiem il-qrati, it-termini proċedurali huma, fil-prinċipju, obbligatorji fin-natura tagħhom. Madankollu, kif jiġri f'ħafna mill-ġurisdizzjonijiet nazzjonali, nuqqas ta' osservanza ma' dawn it-termini mhux dejjem iwassal għal dekadenza quddiem il-Qrati tal-Unjoni. B'mod partikolari, f'konformità mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 45 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, "[e]bda dritt ma jintilef bħala riżultat ta' l-iskadenza tat-termini, jekk il-parti interessata tipprova l-eżistenza ta' każ fortuwitu jew ta' forza maġġuri".

2. Fid-digriet appellat [2], ir-rikors għal annullament ta' RF ġie ddikjarat manifestament inammissibbli minħabba li r-rikors kien tardiv. Il-Qorti Ġenerali qieset li RF ma setgħetx tistabbilixxi l-eżistenza ta' każ fortuwitu jew ta' forza maġġuri sabiex tiġġustifika r-raġuni għalfejn ma osservatx it-terminu rilevanti għall-preżentata tal-oriġinal iffirmat tar-rikors fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali. Hija qieset, b'mod partikolari, li dewmien sinjifikattiv ikkawżat minn problemi tekniċi interni tal-fornitur tas-servizz postali inkwistjoni ma jikkostitwixxix każ fortuwitu jew ta' forza maġġuri.

3. Dan l-appell ippreżentat minn RF jippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tipprovdi gwida dwar kif għandu jiġi interpretat l-Artikolu 45 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, dan jagħti lill-Qorti tal-Ġustizzja opportunità tajba sabiex tiċċara l-ġurisprudenza tagħha fir-rigward tat-tifsira ta' każ fortuwitu, li, b'mod kunċettwali, hija marbuta strettament ma' forza maġġuri.

I. Il-kuntest ġuridiku

A. L-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

4. L-Artikolu 45 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li jagħmel parti mit-Titolu III tiegħu, jistabbilixxi:

"Ir-Regoli tal-Proċedura jistabbilixxi perijodi ta' grazzja fuq konsiderazzjonijiet ta' distanza.

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 Digriet tat-13 ta' Settembru 2017 RF vs Il-Kummissjoni (T-880/16, mhux ippubblikat, EU:T:2017:647).

Ebda dritt ma jintilef bħala riżultat ta' l-iskadenza tat-termini, jekk il-parti interessata tipprova l-eżistenza ta' każ fortuwitu jew ta' forza maġġuri."

5. L-Artikolu 53 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jaqra:

"Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali tiġi regolata bit-Titolu III.

Il-Proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali tiġi preċizata u kompletata, safejn ikun meħtieġ, mir-Regoli tal-Proċedura. […]"

B. Ir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali

6. It-Titolu III tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali[3] jikkonċerna rikorsi diretti. It-Taqsima 4 tal-Kapitolu 1 ta' dan it-titolu tistabbilixxi r-regoli dwar it-termini.

7. L-Artikolu 58 jaqra:

"1. It-termini proċedurali previsti fit-Trattati, fl-Istatut u f'dawn ir-Regoli għandhom jiġu kkalkolati kif ġej:

[…]

(b) terminu espress f'ġimgħat, f'xhur jew fi snin għandu jiskadi mat-tmiem tal-jum li, fl-aħħar ġimgħa, fl-aħħar xahar jew fl-aħħar sena, ikollu l-istess isem jew l-istess numru bħall-jum li matulu seħħ l-avveniment jew twettaq l-att li minnu għandu jiġi kkalkolat it-terminu; jekk, fil-każ ta' terminu espress f'xhur jew fi snin, il-jum stabbilit għall-iskadenza ta' dan it-terminu ma jinzertax fl-aħħar xahar, it-terminu għandu jiskadi mat-tmiem tal-aħħar jum ta' dan ix-xahar;

[…]"

8. L-Artikolu 60 ta' din l-istess taqsima jikkonċerna t-terminu għal raġuni ta' distanza. Dan jistabbilixxi li "[t]-termini proċedurali għandhom jiżdiedu b'terminu fiss ta' għaxart ijiem għal raġuni ta' distanza".

9. Il-Kapitolu 2 tat-Titolu III jikkonċerna l-atti proċedurali. L-Artikolu 72 jipprovdi:

"1. Att proċedurali għandu jiġi ppreżentat fir-Reġistru jew fuq karta, jekk ikun il-każ wara t-trażmissjoni ta' kopja tal-oriġinal ta' dan l-att permezz ta' faks skont l-Artikolu 73(3), jew permezz tal-mod imsemmi fid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali adottata bis-saħħa tal-Artikolu 74.

2. Kull att proċedurali għandu jkollu data. Għall-finijiet tat-termini proċedurali, huma biss id-data u s-siegħa fil-Gran Dukat tal-Lussemburgu tal-preżentata fir-Reġistru li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni.

[…]"

10. L-Artikolu 73 ta' dawn ir-regoli jipprovdi:

"[…]

3 ĠU 2015, L 105, p. 1.

2. [L-oriġinal fuq karta ta' kull att proċedurali], flimkien mal-annessi kollha li jissemmew fih, għandu jiġi ppreżentat flimkien ma' tliet kopji għall-Qorti Ġenerali u kopja għal kull parti fil-kawża. Dawn il-kopji għandhom ikunu awtentikati mill-parti li tippreżentahom.

3. B'deroga mit-tieni sentenza tal-Artikolu 72(2), id-data u s-siegħa li fihom kopja kompleta tal-oriġinal iffirmat ta' att proċedurali, […] tasal fir-Reġistru permezz ta' faks, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-osservanza tat-termini proċedurali jekk l-oriġinal iffirmat tal-att […] jiġi ppreżentat fir-Reġistru sa mhux iktar tard minn għaxart ijiem wara. L-Artikolu 60 ma huwiex applikabbli għal dan it-terminu ta' għaxart ijiem."

C. Regoli oħra rilevanti

11. Id-Dispożizzjonijiet Prattiċi għall-Implementazzjoni tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali (iktar 'il quddiem id-"Dispożizzjonijiet Prattiċi tal-Qorti Ġenerali")[4] jistabbilixxu, fir-rigward tal-preżentata ta' atti proċedurali, *inter alia*:

"79. Id-data tal-preżentata ta' att proċedurali permezz ta' faks għandha tittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-osservanza ta' terminu biss fil-każ li d-dokument oriġinali ffirmat bl-idejn mir-rappreżentant, li kien is-suġġett tat-trażmissjoni permezz ta' faks, jiġi ppreżentat fir-Reġistru mhux iktar tard minn għaxart ijiem wara, kif previst fl-Artikolu 73(3) tar-Regoli tal-Proċedura.

80. Id-dokument oriġinali ffirmat bl-idejn mir-rappreżentant għandu jintbagħat mingħajr dewmien, immedjatament wara li jintbagħat permezz ta' faks, mingħajr ma jsirulu korrezzjonijiet jew emendi, lanqas dawk minuri.

81. Fil-każ ta' differenza bejn id-dokument oriġinali ffirmat bl-idejn mir-rappreżentant u l-kopja li tkun waslet preċedentement fir-Reġistru permezz ta' faks, id-data li tittieħed inkunsiderazzjoni għandha tkun dik tal-preżentata ta' dan id-dokument oriġinali ffirmat."

12. L-Istruzzjonijiet Prattiċi lill-Partijiet, dwar il-Kawżi Mressqa Quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (iktar 'il quddiem l-"Istruzzjonijiet Prattiċi tal-Qorti tal-Ġustizzja")[5] jipprovdu, fir-rigward tal-preżentata u t-trażmissjoni tal-atti proċedurali, *inter alia*:

"42. […] att proċedurali jista' jintbagħat lill-Qorti tal-Ġustizzja wkoll permezz tal-*posta* […] skont l-Artikolu 57(7) tar-Regoli tal-Proċedura, huma biss id-data u l-ħin tal-preżentata tal-oriġinal fir-Reġistru li jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet tat-termini proċedurali. Għaldaqstant, sabiex tiġi evitata d-dekadenza, huwa rrakkomandat li l-att inkwistjoni jintbagħat numru ta' ġranet qabel l-iskadenza tat-terminu mogħti għall-preżentata tal-att, permezz ta' ittra rreġistrata jew permezz ta' servizz ta' courier espress.

43. […] għall-finijiet tal-osservanza tat-termini proċedurali, il-preżentata ta' [kopja ta'] att [iffirmat] permezz ta' [faks jew ittra elettronika] tgħodd biss jekk l-oriġinal iffirmat tal-att […] jasal fir-Reġistru sa mhux iktar tard minn għaxart ijiem wara li tintbagħat [il-kopja]. Għaldaqstant, dan l-oriġinal għandu jintbagħat mingħajr dewmien, immedjatament wara li tintbagħat il-kopja u mingħajr ma jsirulu korrezzjonijiet jew emendi, lanqas dawk minuri. Fil-każ ta' differenza bejn l-oriġinal iffirmat u l-kopja trażmessa preċedentement, tittieħed inkunsiderazzjoni biss id-data tal-preżentata tal-oriġinal iffirmat."

4 ĠU 2015, L 152, p. 1.

5 ĠU 2014, L 31, p. 1.

II. Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-digriet appellat

13. Ir-rikors ta' RF, intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016)5925 final tal-15 ta' Settembru 2016, li tiċħad l-ilment fil-Każ COMP AT.40251 – Trasport bil-ferrovija, ġarr ta' merkanzija (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża"), ġie trażmess lill-Qorti Ġenerali permezz ta' faks fit-18 ta' Novembru 2016. L-oriġinal iffirmat wasal għand il-Qorti Ġenerali fil-5 ta' Diċembru 2016, 17-il jum wara t-trażmissjoni tal-kopja tar-rikors permezz ta' faks.

14. Fir-rigward tat-terminu proċedurali applikabbli, il-Qorti Ġenerali għamlet il-konstatazzjonijiet li ġejjin: (1) id-deċiżjoni kontenzjuża ġiet innotifikata lil RF fid-19 ta' Settembru 2016; (2) f'konformità mas-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, il-preżentata ta' rikors għal annullament kellha tkun fi żmien xahrejn wara n-notifika; (3) fuq il-bażi ta' applikazzjoni magħquda tal-Artikolu 58(1) u tal-Artikolu 60 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, it-terminu għall-preżentata ta' rikors skada fid-29 ta' Novembru 2016 f'nofsillejl; (4) skont l-Artikolu 73(3) tar-Regoli tal-Proċedura, il-kopja trażmessa permezz ta' faks qabel l-iskadenza ta' dan it-terminu ma setgħetx tittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet ta' determinazzjoni tad-data li fiha r-rikors ġie ppreżentat, peress li l-oriġinal iffirmat ma kienx wasal għand ir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fi żmien għaxart ijiem mit-trażmissjoni tal-kopja, kif stabbilit f'din id-dispożizzjoni; u (5) konsegwentement il-preżentata tar-rikors kienet tardiva [6].

15. Mid-digriet appellat jidher ukoll li l-oriġinal iffirmat kien intbagħat bil-posta fl-istess jum ta' meta ġiet trażmessa kopja tar-rikors lill-Qorti Ġenerali permezz ta' faks. Mandankollu, skont RF, iż-żmien użat (17-il jum) minn Poczta Polska, l-operatur postali ewlieni fil-Polonja, biex iwassal il-pakkett li kellu fih l-oriġinal iffirmat, qabeż it-tul normali tal-kunsinna. Peress li l-kunsinna tardiva ġiet ikkawżata minn problema teknika interna f'Poczta Polska, RF affermat li hija kienet aġixxiet bid-diliġenza kollha li setgħet tkun raġonevolment mistennija minnha. Hija qieset, b'mod partikolari, li l-preżentata tal-oriġinal kienet tardiva minħabba każ fortuwitu jew ta' forza maġġuri fis-sens tal-Artikolu 45 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja u, konsegwentement, ir-rikors ma għandux jitqies dekadenti [7].

16. Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk iċ-ċirkustanzi li bbażat fuqhom RF kinux suffiċjenti sabiex jistabbilixxu l-eżistenza ta' każ fortuwitu jew ta' forza maġġuri, il-Qorti Ġenerali fakkret li, l-ewwel nett, it-termini għall-bidu ta' proċedura huma obbligatorji fin-natura tagħhom; it-tieni nett, wieħed jista' jibbaża ruħu fuq każ fortuwitu jew ta' forza maġġuri biss f'ċirkustanzi eċċezzjonali; u t-tielet nett, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, ir-rikorrent għandu jissorvelja bir-reqqa l-iżvolġiment tal-proċedura mibdija u, b'mod partikolari, juri diliġenza sabiex josserva t-termini previsti [8].

17. Il-Qorti Ġenerali sussegwentement kompliet tiddikjara li rikorrent ma jistax jibbaża ruħu fuq każ fortuwitu jew ta' forza maġġuri f'ċirkustanzi fejn persuna diliġenti u prudenti kienet tkun kapaċi tevita l-iskadenza tal-perijodu previst sabiex jingħata bidu għall-proċedura. Il-Qorti Ġenerali qieset ukoll li huwa biss avveniment li ma jistax jiġi evitat u li għalhekk jikkostitwixxi r-raġuni deċiżiva għad-dekadenza li jista' jitqies bħala każ fortuwitu jew ta' forza maġġuri [9].

6 Punti 6 sa 11 tad-digriet appellat.

7 Punti 12 u 14 tad-digriet appellat.

8 Punti 15 sa 17 tad-digriet appellat.

9 Punti 18 u 19 tad-digriet appellat.

18. Barra minn hekk, skont il-Qorti tal-Ġenerali, mill-Artikolu 73(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali ma jistax jiġi dedott li kunsinna postali li taqbeż 1-10 ijiem li sar riferiment għalihom f'din id-dispożizzjoni tkun awtomatikament tikkostitwixxi każ fortuwitu jew ta' forza maġġuri [10]. B'rabta ma' dan, hija għamlet riferiment għad-digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja f'Faktor B. i W. Gęsina [11], kawża li mingħajr dubju għandha similaritajiet fattwali mal-kawża ineżami. F'dik il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat permezz ta' digriet l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali li l-appellanti ma stabbilixxietx l-eżistenza ta' każ fortuwitu jew ta' forza maġġuri [12].

19. Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali evalwat jekk RF stabbilixxietx l-eżistenza ta' każ fortuwitu jew ta' forza maġġuri.

20. B'mod iktar speċifiku, il-Qorti Ġenerali eżaminat jekk id-dewmien fil-kunsinna postali kienx raġuni deċiżiva għal xiex RF ippreżentat rikors tardiv u jekk dan kienx avveniment li RF ma setgħetx tevita. Fid-dawl ta', min-naħa l-waħda, l-ispjegazzjonijiet ipprovduti minn RF u min-naħa l-oħra, l-obbligu tagħha li tissorvelja bir-reqqa l-iżvolġiment tal-kunsinna, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li RF naqset milli tistabbilixxi l-eżistenza ta' każ fortuwitu jew ta' forza maġġuri. Hija osservat, b'mod partikolari, li RF ma pprovdiet l-ebda spjegazzjoni fir-rigward ta' miżuri li ħadet wara li l-pakkett li kellu fih l-oriġinal ġie fdat lill-fornitur tas-servizzi postali għall-kunsinna [13].

21. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali ddikjarat ir-rikors għal annullament bħala manifestament inammissibbli.

III. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet

22. Permezz tal-appell tagħha, RF titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla d-digriet appellat u tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex teżaminaha mill-ġdid u tadotta deċiżjoni fil-mertu li tista' tiġi appellata;

— sussidjarjament - fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja kellha tistabbilixxi li l-kundizzjonijiet għall-adozzjoni ta' deċiżjoni fl-aħħar istanza f'din il-kawża huma ssodisfatti - tannulla d-digriet appellat u tilqa', fl-intier tagħhom, it-talbiet imressqa fl-ewwel istanza;

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

23. Il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tiċħad l-appell u tikkundanna lil RF għall-ispejjeż.

24. Skont l-Artikolu 76(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tipproċedi mingħajr seduta għas-smigħ tal-kawża.

10 Punt 20 tad-digriet appellat.

11 Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-30 ta' Settembru 2014, Faktor B. i W. Gęsina vs Il-Kummissjoni (C-138/14 P, mhux ippubblikat, EU:C:2014:2256).

12 Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-30 ta' Settembru 2014, Faktor B. i W. Gęsina vs Il-Kummissjoni (C-138/14 P, mhux ippubblikat, EU:C:2014:2256, punti 20 sa 25).

13 Punti 22 sa 27 tad-digriet appellat.

IV. Analiżi

25. RF tibbaża ruħha fuq erba' aggravji insostenn tal-appell tagħha. L-ewwel aggravju jallega li l-Qorti Ġenerali interpretat ħażin l-Artikolu 45 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea moqri flimkien mal-Artikolu 53 tiegħu. It-tieni aggravju jallega ksur tal-Artikolu 126 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali[14], minħabba li r-rikors ta' RF ġie ddikjarat manifestament inammissibbli. It-tielet aggravju jallega li l-Qorti Ġenerali wettqet żball fil-konstatazzjoni li RF ma wrietx l-eżistenza ta' każ fortuwitu fis-sens tal-Artikolu 45 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. L-aħħar nett, permezz tar-raba' aggravju, RF tallega li d-digriet appellat huwa vvizzjat minn ksur tal-Artikolu 1, l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (iktar 'il quddiem il-"KEDB").

26. Il-Kummissjoni ssostni li l-aggravji invokati minn RF għandhom jiġu miċħuda bħala parzjalment infondati (l-ewwel u t-tieni aggravju) u parzjalment inammissibbli (it-tielet u r-raba' aggravju).

A. Evalwazzjoni

1. L-ewwel u t-tieni aggravju

27. Bl-ewwel u t-tieni aggravju, li huma intrinsikament marbuta, RF essenzjalment issostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ċaħdet ir-rikors tagħha fuq il-bażi tal-Artikolu 126 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali bħala manifestament inammissibbli (it-tieni aggravju). Dan l-iżball jirriżulta minn interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 45 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (l-ewwel aggravju). B'mod iktar speċifiku, hija tafferma li l-Qorti Ġenerali wettqet żball billi kkombinat il-kunċetti ta' "forza maġġuri" u "każ fortuwitu". RF tafferma, f'dan ir-rigward, li d-digriet appellat joħloq konfużjoni fir-rigward tad-distinzjoni ċara stabbilita mill-awturi tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea bejn "każ fortuwitu" u "forza maġġuri". Barra minn hekk, RF issostni li l-qari tal-Qorti Ġenerali tal-Artikolu 45 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea huwa diskriminatorju peress li jpoġġi lil dawk li jirrisjedu 'l bogħod mill-Qorti tal-Ġustizzja f'pożizzjoni żvantaġġuża.

28. Il-Kummissjoni ma taqbilx. Hija tqis li l-Qorti Ġenerali segwiet ġurisprudenza stabbilita li ma tagħmilx distinzjoni bejn "każ fortuwitu" u "forza maġġuri". Barra minn hekk, hija tosserva, li interpretazzjoni stretta tal-Artikolu 45 tal-Istatut, li skontu problema li nqalgħet matul il-kunsinna postali ma tistax fiha nnifisha tikkostitwixxi każ fortuwitu jew forza maġġuri, hija newtrali u ma taffettwax negattivament lil dawk li d-distanza ġeografika tagħhom mill-Qorti tal-Ġustizzja hija ikbar.

a) L-evalwazzjoni ta' "każ fortuwitu" jew ta' forza maġġuri" skont l-Artikolu 45 tal-Istatut: żewġ kunċetti iżda eżami wieħed

29. Nista' nara l-merti tal-argumenti taż-żewġ partijiet.

30. Kif il-Kummissjoni nnotat b'mod korrett, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkonċerna l-possibbiltà ta' eżenzjoni minn dekadenza fuq il-bażi tal-Artikolu 45 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ma tagħmilx distinzjoni ċara bejn il-kunċetti ta' każ fortuwitu u ta' forza maġġuri. Fil-ġurisprudenza, dawn il-kunċetti jiġu spiss magħquda flimkien u eżaminati skont kriterji identiċi mingħajr spjegazzjoni ulterjuri rigward id-differenzi possibbli tagħhom.

14 Din id-dispożizzjoni tipprovdi: "Meta l-Qorti Ġenerali manifestament ma jkollhiex kompetenza sabiex tieħu konjizzjoni ta' rikors jew meta rikors ikun manifestament inammissibbli jew manifestament infondat fid-dritt, il-Qorti Ġenerali tista', f'kull ħin u fuq proposta tal-Imħallef Relatur, tiddeċiedi li taqta' l-kawża permezz ta' digriet motivat, mingħajr ma tkompli l-proċedura."

31. L-għeruq tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja rigward l-eżenzjonijiet mit-termini proċedurali jmorru lura għall-ġurisprudenza dwar forza maġġuri fil-qasam tar-regolamenti dwar l-agrikoltura [15]. Il-ġurisprudenza li toħroġ minn Busseni [16] hija ta' importanza partikolari peress li din il-ġurisprudenza tiddefinixxi forza maġġuri bħala li tkopri "ċirkustanzi anormali li jagħmluha impossibbli li titwettaq l-azzjoni rilevanti. Minkejja li din ma tippreżupponix impossibbiltà assoluta, din tkun teħtieġ diffikultajiet anormali, indipendenti mir-rieda tal-persuna kkonċernata u apparentement inevitabbli anki jekk tinżamm viġilanza sħiħa" [17].

32. Definizzjoni simili ġiet adottata fil-kuntest ta' termini proċedurali, definizzjoni li tkopri kemm każ fortuwitu kif ukoll forza maġġuri. Mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'Bayer vs Il-Kummissjoni [18] jista' jiġi dedott li l-kunċetti ta' każ fortuwitu u ta' forza maġġuri, f'kull wieħed minnhom hemm żewġ elementi [19]. Il-kunċetti fihom element oġġettiv, li jirrigwarda ċirkustanzi anormali u estranji għall-operatur, u element suġġettiv li jinvolvi l-obbligu, mill-persuna kkonċernata, li tħares lilha nnifisha mill-konsegwenzi tal-avveniment anormali billi tieħu miżuri xierqa mingħajr ma jkollha tagħmel sagrifiċċji eċċessivi. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat li, sabiex tkun tista' toqgħod fuq każ fortuwitu jew ta' forza maġġuri, parti għandha tissorvelja bir-reqqa l-iżvolġiment tal-proċedura mibdija u, b'mod partikolari, turi diliġenza sabiex tosserva t-termini previsti [20].

33. Għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja qatt ma għamlet, sa fejn naf jien, distinzjoni ċara bejn iż-żewġ kunċetti, jidher li huwa raġonevoli li wieħed jissoponi li l-portata tagħhom ma hijiex eżatt l-istess.

34. Kif għandhom dawn il-kunċetti jinftiehmu fil-kuntest tal-proċeduri quddiem il-qrati tal-Unjoni Ewropea?

35. F'dan ir-rigward, inqis li forza maġġuri (*vis major*) tirreferi għal sett iktar limitat ta' avvenimenti estremi, jew "atti tan-natura". Dawn l-avvenimenti, fi kwalunkwe każ, jinkludu diżastri naturali bħal għargħar maġġuri, terremoti u urugani, iżda jistgħu wkoll jinkludu ċirkustanzi irreżistibbli (magħmula mill-bniedem) partikolari oħrajn [21]. Għalhekk, fil-fehma tiegħi, forza maġġuri tirreferi għal forza esterna li tfixkel lill-parti milli tissodisfa obbligu u tħalli lill-istess parti mingħajr ebda alternattiva oħra ta' azzjoni (pereżempju fil-każ fejn kunsinna ta' oġġetti ma setgħetx tiġi mwassla minħabba li l-ajruplan li jkun qiegħed iġorrha jkun waqa' fl-oċean).

36. Min-naħa l-oħra, fil-fehma tiegħi, il-kunċett ta' każ fortuwitu huwa kemxejn iktar flessibbli. Dan jista' jinkludi sett usa' ta' ċirkustanzi mhux koperti mill-forza maġġuri. Dawn jistgħu jinkludu kwalunkwe numru ta' ċirkustanzi anormali bħal interruzzjonijiet tekniċi, qtugħ tal-elettriku jew fallimenti fis-sistemi tal-komunikazzjoni.

15 Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-11 ta' Lulju 1968, Schwarzwaldmilch, 4/68, EU:C:1968:41, p. 385; tas-17 ta' Diċembru 1970, Internationale Handelsgesellschaft (11/70, EU:C:1970:114, punt 24), u tat-30 ta' Jannar 1974, Kampffmeyer (158/73, EU:C:1974:8, punt 8).

16 Sentenza tad-9 ta' Frar 1984, Acciaierie e Ferriere Busseni vs Il-Kummissjoni (284/82, EU:C:1984:47).

17 Sentenzi tad-9 ta' Frar 1984, Acciaierie e Ferriere Busseni vs Il-Kummissjoni (284/82, EU:C:1984:47, punt 11); tat-30 ta' Mejju 1984, Ferriera Vittoria vs Il-Kummissjoni (224/83, EU:C:1984:208, punt 13), u tat-12 ta' Lulju 1984, Ferriera Valsabbia vs Il-Kummissjoni (209/83, EU:C:1984:274, punt 21).

18 Sentenza tal-15 ta' Diċembru 1994, Bayer vs Il-Kummissjoni (C-195/91 P, EU:C:1994:412).

19 Dan diġà kien ġie argumentat mill-Avukat Ġenerali Capotorti fir-rigward tal-kunċett ta' forza maġġuri. Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Capotorti f'Milch-, Fett- und Eierkontor (42/79, mhux ippubblikati, EU:C:1979:259, p. 3723) u fil-kawżi magħquda Ferriera Valsabbia *et* vs Il-Kummissjoni (154/78, 205/78, 206/78, 226/78 sa 228/78, 263/78, 264/78, 31/79, 39/79, 83/79 u 85/79, mhux ippubblikati, EU:C:1979:275, p. 1067).

20 B'mod partikolari, is-sentenzi tal-15 ta' Diċembru 1994 Bayer vs Il-Kummissjoni (C-195/91 P, EU:C:1994:412, punt 32), tat-22 ta' Settembru 2011, u Bell & Ross vs OHIM (C-426/10 P, EU:C:2011:612, punt 48). Ara wkoll is-sentenza tat-23 ta' April 2013, Gbagbo *et* vs Il-Kunsill (C-478/11 P sa C-482/11 P, EU:C:2013:258, punt 72), u d-digriet tat-8 ta' Novembru 2007, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (C-242/07 P, EU:C:2007:672, punt 17).

21 Jidher li l-Qorti tal-Ġustizzja tikklassifika gwerra bħala forza maġġuri iktar milli każ fortuwitu. Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tat-23 ta' April 2013, Gbagbo *et* vs Il-Kunsill (C-478/11 P sa C-482/11 P, EU:C:2013:258, punt 72).

37. Sa ċertu punt, id-definizzjoni ta' dawn il-kunċetti, meta mqabbla ma' xulxin, hija kwistjoni ta' ġudizzju personali, u jistgħu anki parzjalment jissovrapożizzjonaw lil xulxin. Minkejja l-mod ta' kif wieħed jaqta' linja bejn dawn iż-żewġ kunċetti, huwa ċar li dawn huma marbutin mill-qrib ma' xulxin u jindikaw sett ta' ċirkustanzi eċċezzjonali li fihom jistgħu jingħataw derogi mill-applikazzjoni tat-termini proċedurali — termini li f'ċirkustanzi oħra għandhom jiġu interpretati b'mod strett. Fil-fatt, applikazzjoni stretta tat-termini hija, fil-prinċipju, meħtieġa biex tiġi żgurata ċertezza legali u jiġu evitati kull diskriminazzjoni u kull trattament arbitrarju fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja [22].

38. Madankollu, għandu fl-istess ħin jiġi enfasizzat li l-leġiżlatur għażel li jfassal eċċezzjoni għal dan il-prinċipju proċedurali fundamentali, regola li tagħmilha possibbli li jkun hemm deroga minn tali termini. Skont l-Artikolu 45 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, *kemm* każ fortuwitu *kif ukoll* forza maġġuri huma raġunijiet għal deroga minn dawn it-termini.

39. Fil-fehma tiegħi, l-għażla li jiġu inklużi ż-żewġ kunċetti fl-Artikolu 45 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tikkostitwixxi indikazzjoni b'saħħitha li l-leġiżlatur ma kellux l-intenzjoni li jinterpreta l-lista ta' ċirkustanzi li jaqgħu taħt l-Artikolu 45 b'mod ristrett ħafna. Din l-għażla hija wkoll indikatur tajjeb li l-leġiżlatur ma xtaqx jinterpreta lista eżawrjenti ta' ċirkustanzi li wieħed jista' jibbaża ruħu fuqhom sabiex jidderoga mit-termini proċedurali, iżda pjuttost regola flessibbli li tista' tiġi adattata għaċ-ċirkustanzi tal-każ partikolari.

40. L-eżami applikat mill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tistabbilixxi l-eżistenza ta' każ fortuwitu jew ta' forza maġġuri, fil-fehma tiegħi, jirrifletti dawn l-għażliet. Għalkemm huwa minnu li l-Qorti tal-Ġustizzja ripetutament iddeċidiet li derogi mit-termini jistgħu jsiru biss f'ċirkustanzi pjuttost eċċezzjonali [23], l-eżami jippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tevalwa b'mod flessibbli f'kull każ individwali, fuq il-bażi tal-partikolaritajiet tal-każ, jekk l-iskadenza tat-terminu previst ġietx ikkawżata minn avveniment li l-parti ma setgħetx b'mod raġonevoli tipprevedi u b'hekk tevita mingħajr sagrifiċċji irraġonevoli.

41. Hekk kif qiegħed naqra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-eżistenza ta' "każ fortuwitu jew ta' forza maġġuri" għandha għalhekk tiġi evalwata fl-intier tagħha, bħal raggruppament kunċettwali, fuq il-bażi tal-istess eżami li jenfasizza n-natura raġonevoli tal-azzjoni meħtieġa mill-parti kkonċernata sabiex tevita l-iskadenza tat-terminu previst: billi jivverifika fuq bażi ta' każ b'każ li, min-naħa l-waħda, ikun hemm nuqqas ta' osservanza tar-regoli proċedurali f'ċirkustanzi anormali mhux marbuta mal-parti kkonċernata u, min-naħa l-oħra, il-parti kkonċernata tkun ħadet passi sabiex tevita l-konsegwenzi tal-avveniment anormali mingħajr sagrifiċċji irraġonevoli.

42. Kif inhu neċessarjament il-każ fejn tiġi mitluba evalwazzjoni ċirkustanzjali, l-istabbiliment ta' x'jista' jkun avveniment anormali, min-naħa l-waħda, u l-passi xierqa biex jiġu evitati l-konsegwenzi negattivi ta' dan l-avveniment, min-naħa l-oħra, ikunu jiddependu fuq il-partikolaritajiet ta' kull każ.

43. B'mod fundamentali, bl-applikazzjoni ta' dan il-kriterju għall-evalwazzjoni relattivament flessibbli huwa possibbli li jiġu żgurati opportunitajiet ugwali għall-partijiet f'ċirkustanzi fejn applikazzjoni stretta ta' termini proċedurali tkun tpoġġi lill-partijiet tal-proċedura fi żvantaġġ.

22 Sentenza tat-23 ta' April 2013, Gbagbo *et* vs Il-Kunsill (C-478/11 P sa C-482/11 P, EU:C:2013:258, punt 71 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll id-digriet tas-7 ta' Mejju 1998, L-Irlanda vs Il-Kummissjoni (C-239/97, EU:C:1998:213, punt 7 u l-ġurisprudenza ċċitata).

23 Sentenzi tal-14 ta' Diċembru 2016, SV Capital vs EBA (C-577/15 P, EU:C:2016:947, punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata), u tat-22 ta' Settembru 2011 (Bell & Ross vs UASI (C-426/10 P, EU:C:2011:612, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

b) L-iżball ta' liġi fid-digriet appellat

44. Fid-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali applikat eżami iktar strett minn dak iddettat fil-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fl-esklużjoni tal-eżistenza ta' każ fortuwitu jew ta' forza maġġuri fil-kawża ineżami, il-Qorti Ġenerali evalwat jekk in-nuqqas ta' osservanza tat-terminu preskritt kienx ikkawżat minn avveniment li ma setax jiġi evitat [24].

45. Fil-fatt, għalkemm il-Qorti Ġenerali effettivament tenniet l-eżami li joħroġ minn Bayer vs Il-Kummissjoni fid-digriet appellat, kompliet billi ddeċidiet li l-eżistenza ta' każ fortuwitu jew ta' forza maġġuri fis-sens tal-Artikolu 45 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tista' tirriżulta biss fejn l-avveniment inkwistjoni ma jistax jiġi evitat u fejn dan jikkostitwixxi, konsegwentement, ir-raġuni deċiżiva għalfejn il-parti ma osservatx it-terminu previst (iktar 'il quddiem ir-"rekwiżit ta' inevitabbiltà") [25]. Hija ddeċidiet ukoll li t-tardività tal-kunsinna postali ma tistax waħedha tikkostitwixxi każ fortuwitu jew ta' forza maġġuri, sakemm ma hemmx ċirkustanzi oħra partikolari involuti, bħal strajk, kollass amministrattiv jew diżastru naturali [26].

46. Kif diġà ssemma, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja teħtieġ, min-naħa l-waħda, li n-nuqqas ta' osservanza tat-terminu preskritt ikun ikkawżata minn avveniment estern u anormali u li ma jkunx marbut mal-parti kkonċernata (l-element oġġettiv). Min-naħa l-oħra, il-partijiet għandhom jieħdu miżuri xierqa sabiex iħarsu lilhom infushom mill-konsegwenzi ta' avvenimenti anormali, mingħajr madankollu ma jkunu meħtieġa jagħmlu sagrifiċċji irraġonevoli sabiex jevitaw l-iskadenza tat-terminu previst. F'dan ir-rigward, il-partijiet għandhom jissorveljaw bir-reqqa "l-proċedura mibdija" u, b'mod partikolari, juru diliġenza sabiex josservaw it-termini previsti (l-element suġġettiv) [27].

47. Għall-kuntrarju, hija ma teħtieġx, barra minn hekk, li l-avveniment anormali ma jkunx seta' jiġi evitat. L-applikazzjoni ta' tali rekwiżit addizzjonali tillimita l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 45 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea b'mod kunsiderevoli għal wieħed li sempliċement ikopri sitwazzjonijiet li huma kważi, jekk mhux assolutament, impossibbli.

48. Kif il-Kummissjoni tinnota, huwa minnu li l-Qorti tal-Ġustizzja tidher li affermat, għall-inqas darba, l-approċċ adottat mill-Qorti Ġenerali fid-digriet appellat. Dan seħħ fid-digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja f'Faktor B. i W. Gęsina [28]. F'dan id-digriet, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali fir-rigward tal-assenza ta' każ fortuwitu jew ta' forza maġġuri fuq il-bażi ta' applikazzjoni tar-rekwiżit ta' inevitabbiltà [29]. L-istess bħal f'din il-kawża, il-kwistjoni kienet dwar jekk rikorrent setax jibbaża ruħu fuq dewmien kunsiderevoli fil-kunsinna postali (mill-Polonja għal-Lussemburgu) sabiex jistabbilixxi l-eżistenza ta' każ fortuwitu jew ta' forza maġġuri fis-sens tal-Artikolu 45 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea [30].

49. Dan id-digriet (l-istess bħad-digriet appellat) jidher li jmur kontra l-awtorità tal-ġurisprudenza li toħroġ minn Bayer vs Il-Kummissjoni. Jiġifieri sa fejn il-Qorti tal-Ġustizzja vvalidat l-applikazzjoni tar-rekwiżit ta' inevitabbiltà mill-Qorti Ġenerali.

24 Punti 25 sa 27 tad-digriet appellat.

25 Punt 19 tad-digriet appellat.

26 Punt 21 tad-digriet appellat.

27 Sentenza tal-15 ta' Diċembru 1994, Bayer vs Il-Kummissjoni (C-195/91 P, EU:C:1994:412, punt 32).

28 Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-30 ta' Settembru 2014, Faktor B. i W. Gęsina vs Il-Kummissjoni (C-138/14 P, mhux ippubblikat, EU:C:2014:2256).

29 Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-30 ta' Settembru 2014, Faktor B. i W. Gęsina vs Il-Kummissjoni (C-138/14 P, mhux ippubblikat, EU:C:2014:2256, punti 19 u 20).

30 Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-30 ta' Settembru 2014, Faktor B. i W. Gęsina vs Il-Kummissjoni (C-138/14 P, mhux ippubblikat, EU:C:2014:2256, punti 10 u 11).

50. Ma għandux jintesa li l-partijiet jistgħu, f'konformità mal-Artikolu 72 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, kif inhu applikabbli għall-kawża ineżami, jippreżentaw atti proċedurali fir-Reġistru ta' din il-qorti fil-forma ta' inkartament. Il-partijiet igawdu minn din il-possibbiltà minkejja l-introduzzjoni tal-*e-Curia*, sistema li tippermetti lill-partijiet jippreżentaw atti proċedurali permezz ta' mezzi elettroniċi [31].

51. Għandhom jissemmew ukoll id-Dispożizzjonijiet Prattiċi tal-Qorti Ġenerali u l-Istruzzjonijiet Prattiċi tal-Qorti tal-Ġustizzja. Dawn ir-regoli speċifikament jipprevedu l-possibbiltà li parti tkun tixtieq tibgħat bil-posta l-atti proċedurali [32]. F'dan ir-rigward, huwa affermat li, sabiex jiġi żgurat li kopja mibgħuta permezz ta' faks tittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-osservanza ta' terminu, il-parti għandha tibgħat l-oriġinal iffirmat mingħajr dewmien, immedjatament wara li jintbagħat permezz ta' faks [33].

52. Madankollu, ir-rekwiżit ta' inevitabbiltà applikat mill-Qorti Ġenerali jfisser li dewmien anormali fil-kunsinna postali jaqa' awtomatikament barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 45 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

53. Mhux kull parti tista' tippreżenta personalment l-atti proċedurali lill-Qrati tal-Unjoni mingħajr sagrifiċċji irraġonevoli. Barra minn hekk, minħabba li r-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, kif inhuma applikabbli għall-kawża ineżami, espressament jippermettu lill-partijiet jibagħtu atti proċedurali fil-forma ta' inkartament, esklużjoni kategorika ta' dewmien fil-kunsinna postali tkun, fil-fehma tiegħi, tmur kontra kemm il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll ir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

54. Għal dawn ir-raġunijiet, jiena nieħu l-pożizzjoni li d-digriet appellat huwa vvizzjat minn żball ta' liġi.

55. Wara li ġie stabbilit dan, xorta waħda għandu jiġi eżaminat kif, b'mod iktar konkret, l-eżistenza ta' każ fortuwitu u ta' forza maġġuri għandha tiġi evalwata fuq il-bażi tal-kriterji stabbiliti fil-ġurisprudenza.

c) In-natura tal-evalwazzjoni u l-fatturi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni ta' jekk il-parti aġixxietx b'diliġenza suffiċjenti

56. Ma huwiex faċli li tingħata tweġiba għal din il-mistoqsija fuq il-bażi tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Dan minħabba li l-evalwazzjoni taċ-ċirkustanzi li fuqhom ibbażaw ruħhom il-partijiet sabiex jistabbilixxu l-eżistenza ta' każ fortuwitu jew ta' forza maġġuri fuq il-bażi tat-test stipulat fis-sentenza Bayer vs Il-Kummissjoni hija, fl-analiżi finali, waħda ċirkustanzjali.

31 Ara l-Artikolu 74 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali u d-Deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Settembru 2011 dwar il-preżentata u r-riċezzjoni ta' atti proċedurali permezz tal-applikazzjoni e-Curia (ĠU 2011, C 289, p. 9). Sa mill-1 ta' Diċembru 2018, l-użu tal-e-Curia sar obbligatorju għall-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali

32 Ara, b'mod partikolari, il-punti 79 sa 81 tad-Dispożizzjonijiet Prattiċi tal-Qorti Ġenerali u l-punti 42 u 43 tal-Istruzzjonijiet Prattiċi tal-Qorti tal-Ġustizzja.

33 Għal atti mibgħuta bil-posta biss, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrakkomanda l-użu ta' servizz ta' kunsinna espressa jew ittra rreġistrata. Min-naħa l-oħra, ma ngħatatx tali rakkomandazzjoni għal partijiet li jixtiequ jużaw il-faks jew il-posta elettronika f'konformità mal-Artikolu 73(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

57. Madankollu, għandu jitfakkar li l-eżistenza ta' ċirkustanzi li jiġġustifikaw deroga minn termini proċedurali għandha tiġi evalwata fuq il-bażi ta' elementi pprovduti mill-parti li tkun qiegħda tibbaża ruħha fuq l-Artikolu 45 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea: skont din id-dispożizzjoni, din il-parti għandha tagħti prova tal-eżistenza ta' każ fortuwitu jew ta' forza maġġuri. Għaldaqstant, hija din il-parti li għandha turi li (a) kien hemm avveniment anormali mhux marbut magħha (l-element oġġettiv) u (b) ħadet il-miżuri raġonevoli kollha sabiex tevita l-iskadenza tat-terminu previst (l-element suġġettiv).

58. Kif ġie indikat iktar 'il fuq, skont il-qari tiegħi tal-ġurisprudenza, dewmien anormali fil-kunsinna postali ma għandux jiġi kompletament eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 45 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Illum il-ġurnata, tidher li hija premessa raġonevoli li l-posta għandha, għall-inqas fil-prinċipju, tilħaq id-destinazzjoni tagħha fi kwalunkwe post fl-Ewropa fi żmien għaxart ijiem. Fil-fatt, żmien ta' kunsinna li jaqbeż l-għaxart ijiem addizzjonali previsti għall-kunsinna mill-Artikolu 73(3) tar-Regoli tal-Proċedura jista', fil-fehma tiegħi, jiġi deskritt bħala avveniment anormali (mhux marbut mal-parti kkonċernata) [34].

59. Din hija r-raġuni għalfejn, sabiex jiġi ssodisfatt l-element oġġettiv (a), għandu jkun biżżejjed għal parti li turi li n-nuqqas ta' osservanza tat-terminu previst ġie kkawżat minn dewmien *anormali* fil-kunsinna postali. F'dan ir-rigward, ma għandux għalfejn ikun hemm il-bżonn li dan id-dewmien ikun ikkawżat minn avveniment straordinarju bħal strajk, diżastru naturali jew kollass amministrattiv [35].

60. Minkejja dan, l-esperjenza turi li ż-żminijiet tal-kunsinna jistgħu jvarjaw (anki b'mod kunsiderevoli) u xi drabi jista' jkun hemm dewmien fil-kunsinna postali. Għalhekk, sabiex jiġi stabbilit jekk l-element oġġettiv ġiex issodisfatt, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni jekk id-dewmien huwiex anormali fiċ-ċirkustanzi, b'mod partikolari fir-rigward ta' fatturi bħalma huma d-distanza u ż-żmien tas-sena.

61. Ladarba jiġi stabbilit li d-dewmien kien anormali fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ, għandu jiġi eżaminat ukoll jekk il-parti ħaditx il-passi raġonevoli kollha sabiex tevita l-iskadenza tat-terminu preskritt.

62. Fid-determinazzjoni ta' jekk l-element suġġettiv (b) ġiex issodisfatt, għandhom jitqiesu numru ta' fatturi.

63. L-ewwel nett, huwa importanti li jiġi stabbilit *meta* l-oriġinal iffirmat tar-rikors ġie fdat lis-servizz tal-kunsinna postali. Fil-fehma tiegħi, il-konformità mal-paragrafu 80 tad-Dispożizzjonijiet Prattiċi - jiġifieri li l-oriġinal intbagħat mingħajr dewmien, fl-istess jum li fih intbagħtet il-kopja permezz ta' faks jew, tal-inqas, il-jum ta' wara – hija indikazzjoni ta' mġiba diliġenti [36].

64. It-tieni nett, parti ma għandhiex tkun meħtieġa li tuża l-iktar servizzi ta' kunsinna internazzjonali għoljin offruti, fejn servizz irħas, offrut minn operatur jidher, fil-prinċipju, adegwat sabiex jiżgura kunsinna tal-oriġinal iffirmat lir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-perijodu previst [37]. Madankollu, minħabba li jista' jkun hemm dewmien, parti li tiddeċiedi li tibgħat att proċedurali bil-posta, minflok bl-*e-Curia*, għandha fil-fehma tiegħi tieħu prekawzjonijiet, prekawzjonijiet li persuna diliġenti b'mod

34 Dan jidher fl-Anness għad-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 3, p. 71) fejn 97 % tal-posta transkonfinali għandha tiġi kkunsinnata fiż-żmien 5 ijiem tax-xogħol mid-depożitu.

35 Ara l-punt 27 tad-digriet appellat.

36 Ara fuq nota simili d-digrieti tas-7 ta' Mejju 1998, L-Irlanda vs Il-Kummissjoni (C-239/97, EU:C:1998:213, punt 9), u tat-18 ta' Jannar 2005, Zuazaga Meabe vs UASI (C-325/03 P, EU:C:2005:28, punt 26).

37 Ara, fuq din in-nota, is-sentenzi tal-14 ta' Jannar 2015, Abdulrahim vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (T-127/09 RENV, EU:T:2015:4, punt 47), u tal-21 ta' Ġunju 2017, City Train vs EUIPO (CityTrain) (T-699/15, mhux ippubblikata, EU:T:2017:409, punt 15).

raġonevoli tista' tkun mistennija li tieħu. Skont iċ-ċirkustanzi (pereżempju: fejn il-fornitur tas-servizz ikollu reputazzjoni inaffidabbli jew fejn it-terminu jiskadi madwar festa pubblika) għalhekk, id-diliġenza tista' teħtieġ li l-oriġinal iffirmat jintbagħat permezz ta' express courier, kunsinna espressa jew, tal-inqas, permezz ta' ittra rreġistrata.

65. L-obbligi tal-parti jieqfu hawnhekk?

66. Ma naħsibx. Huwa veru li ladarba pakkett jiġi fdat lil fornitur ta' servizz postali għall-kunsinna, il-persuna li tkun qiegħda tibgħat titlef il-kontroll effettiv fuq il-pakkett. Madankollu, punt li għandu jiġi enfasizzat huwa li hemm riskji involuti meta jintbagħtu atti proċedurali bil-posta, riskji relatati ma' dewmien li parti tista' tevita billi tuża l-*e-Curia* [38].

67. Għalhekk, fl-opinjoni tiegħi, parti li ddeċidiet li tmur għall-għażla prevista fl-Artikolu 73(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali għandha l-obbligu li ssegwi l-kunsinna, biex għall-inqas *tipprova* tipprevjeni dawn ir-riskji milli jimmaterjalizzaw. Fil-fatt, parti għandha tissorvelja bir-reqqa "il-proċedura mibdija" u turi diliġenza sabiex tosserva it-termini previsti [39].

68. Madankollu, b'mod iktar konkret, x'jinvolvi dan l-obbligu f'dan il-kuntest partikolari?

69. Fejn ikun hemm numru ta' traċċar disponibbli, ifisser li parti għandha tissorvelja bir-reqqa u b'mod regolari l-iżvolġiment tal-kunsinna sakemm id-dokument jitwassal regolarment fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali. Fejn l-ittraċċar ma jkunx disponibbli, ifisser li parti għandha tagħmel kuntatt mar-Reġistru sabiex tivverifika (sew qabel l-iskadenza tat-terminu previst) jekk l-oriġinal iffirmat wasalx fil-ħin [40]. Fejn jidher li l-kunsinna ġiet imdewma, il-parti tista' xorta waħda tipprova tosserva t-terminu previst billi b'mod attiv tipprova ssib fejn qiegħed il-pakkett billi tagħmel kuntatt mal-fornitur tas-servizz postali kkonċernat u, jekk ma jirnexxilhiex, billi tibgħat (jew tippreżenta, fejn raġonevoli) lir-Reġistru, verżjoni tar-rikors b'firma ġdida oriġinali, intiża sabiex tissostitwixxi l-verżjoni oriġinali preċedenti li ntilfet [41].

70. Meta jittieħdu dawn il-passi, il-parti kkonċernata tista' turi li aġixxiet b'diliġenza, iżda mingħajr ma tkun għamlet sagrifiċċji irraġonevoli. F'dan ir-rigward, il-kwistjoni ta' jekk ikunx hemm possibbiltà realistika għall-osservanza b'suċċess tat-terminu previst hija għalhekk irrilevanti.

71. Bħala konklużjoni, f'ċirkustanzi fejn parti tkun iddeċidiet li tmur għall-għażla prevista fl-Artikolu 73(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, sabiex tkun eżentata mill-iskadenza tat-terminu bis-saħħa tal-Artikolu 45 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, din il-parti għandha turi li aġixxiet b'diliġenza billi ħadet il-miżuri raġonevoli kollha sabiex tevita l-iskadenza tat-terminu. Għalhekk, il-parti għandha turi li l-oriġinal iffirmat intbagħat immedjatament wara t-trażmissjoni tal-kopja permezz ta' faks; li l-oriġinal intbagħat permezz ta' servizz postali li deher adegwat sabiex jiżgura kunsinna tal-oriġinal iffirmat tar-rikors lir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-perijodu previst; u li ssorveljat regolarment l-iżvolġiment tal-kunsinna u fejn dan l-issorveljar żvela dewmien, il-parti pprovat tosserva t-terminu previst.

38 Fejn tintuża l-*e-Curia*, il-persuna li tibgħat tirċievi konferma ta' rċevuta mill-ewwel fejn id-dokumenti jkunu ġew debitament trażmessi lill-Qrati tal-Unjoni.

39 B'mod partikolari, is-sentenzi tal-15 ta' Diċembru 1994, Bayer vs Il-Kummissjoni (C-195/91 P, EU:C:1994:412, punt 32), u tat-22 ta' Settembru 2011, Bell & Ross vs UASI (C-426/10 P, EU:C:2011:612, punt 48). Ara wkoll id-digriet tat-8 ta' Novembru 2007 Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (C-242/07 P, EU:C:2007:672, punt 17).

40 Għal fehma differenti, ara s-sentenza tal-14 ta' Jannar 2015, Abdulrahim vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (T-127/09 RENV, EU:T:2015:4, punt 50).

41 Ara b'mod simili s-sentenza tal-14 ta' Jannar 2015, Abdulrahim vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (T-127/09 RENV, EU:T:2015:4, punt 52).

d) Konklużjoni intermedjarja

72. Fid-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fl-ewwel stadju, li parti tista' tiġi eżentata minn dekadenza biss jekk in-nuqqas ta' osservanza tat-terminu previst ikun ġie kkawżat minn avveniment li ma setax jiġi evitat. B'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi.

73. Madankollu, dan l-iżball ma għandux, f'din il-kawża, iwassal sabiex id-digriet appellat jiġi annullat. Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li fejn il-motivazzjoni ta' deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali tkun ivvizzjata minn ksur tad-dritt tal-Unjoni, iżda d-dispożittiv tagħha jkun jidher li huwa fondat għal motivi ta' liġi oħra, tali ksur ma jkunx ta' natura li jwassal għal annullament ta' din id-deċiżjoni u jkun hemm lok li ssir sostituzzjoni tal-motivazzjoni [42].

74. Minħabba li l-Qorti Ġenerali eżaminat, bħala t-tieni stadju, il-miżuri li RF ħadet sabiex tevita l-iskadenza tat-terminu previst, l-iżball ta' liġi identifikat ma jaffettwax id-dispożittiv tad-digriet appellat.

75. Mid-digriet appellat jidher li RF bagħtet l-oriġinal iffirmat immedjatament wara t-trażmissjoni tal-kopja tal-oriġinal lill-Qorti Ġenerali permezz ta' faks (fl-istess jum), u għamlet dan bl-użu ta' posta rreġistrata u servizz li deher adegwat sabiex jiżgura kunsinna fil-ħin. Madankollu, RF ma pprovdiet l-ebda prova li turi li hija pprovat tissorvelja l-iżvolġiment tal-kunsinna u, wara li ġie żvelat id-dewmien, li hija ħadet il-passi sabiex tevita l-iskadenza tat-terminu previst [43]. Fi kliem ieħor, minkejja kollox, il-Qorti Ġenerali kienet korretta fil-konklużjoni li RF ma wrietx diliġenza sabiex tosserva t-terminu previst.

76. Għalhekk, nikkonkludi li huwa meħtieġ, permezz ta' sostituzzjoni tal-motivazzjoni, li jiġi miċħud l-argument li minħabba interpretazzjoni ħażina tal-Artikolu 45 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet b'mod żbaljat li RF ma stabbilixxietx l-eżistenza ta' każ fortuwitu jew ta' forza maġġuri.

77. Għalhekk, l-ewwel u t-tieni aggravju tal-appell għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

2. It-tielet aggravju tal-appell

78. RF issostni li l-Qorti Ġenerali kkonstatat b'mod żbaljat li l-appellanti ma tatx prova tal-eżistenza ta' każ fortuwitu fis-sens tal-Artikolu 45 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Skont RF, hija tat prova tal-eżistenza ta' każ fortuwitu: hija mhux biss ippreżentat provi ta' dawn iċ-ċirkustanzi iktar minn kemm kien meħtieġ iżda ppreżentat il-provi kollha disponibbli għaliha b'mod ġenerali.

79. Il-Kummissjoni ssostni li l-argumenti mressqa mill-appellanti huma marbuta mal-konstatazzjonijiet fattwali u għandhom jiġu miċħuda bħala inammissibbli.

80. Jiena naqbel mal-Kummissjoni. Dan l-aggravju essenzjalment jirriproduċi l-argumenti diġà mqajma taħt l-ewwel aggravju tal-appell, għalkemm minn perspettiva purament fattwali.

81. Huwa stabbilit sewwa li, il-Qorti Ġenerali għandha, bis-saħħa tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u tal-Artikolu 256 TFUE, ġurisdizzjoni esklużiva sabiex tikkonstata l-fatti u tevalwa dawn il-fatti. Appelli ppreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja huma għalhekk limitati għal punti ta' liġi. Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' għalhekk tistħarreġ il-karatterizzazzjoni ġuridika

42 Ara, fost ħafna oħrajn, is-sentenza tas-26 ta' Jannar 2017, Zucchetti Rubinetteria vs Il-Kummissjoni (C-618/13 P, EU:C:2017:48, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

43 Punt 26 tad-digriet appellat.

ta' dawn il-fatti u l-konklużjonijiet ta' dritt li l-Qorti Ġenerali tkun nisslet minnhom [44]. Madankollu, evalwazzjoni ġdida tal-fatti jew tal-provi ma hijiex kwistjoni ta' liġi li hija suġġett għal stħarriġ mill-Qorti tal-Ġustizzja. Dan huwa minnu sakemm ma jkunx hemm żnaturament tal-fatti jew tal-provi prodotti quddiem il-Qorti Ġenerali, li f'dak il-każ l-iżnaturament allegat għandu joħroġ b'mod manifest mill-atti fil-proċess [45].

82. Permezz tat-tielet aggravju tagħha, RF b'mod ċar qiegħda tfittex evalwazzjoni ġdida tal-fatti u tal-provi prodotti quddiem il-Qorti Ġenerali mingħajr ma qiegħda tallega l-iżnaturament tagħhom. Fuq din il-bażi, it-tielet aggravju għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

3. Ir-raba' aggravju tal-appell

83. RF targumenta li, fid-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 1, l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 14 tal-KEDB. Fil-fehma tagħha, il-mod ta' kif il-Qorti Ġenerali interpretat l-Artikolu 45 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jfixkel l-aċċess għall-Qrati tal-Unjoni sa fejn il-partijiet, li jkunu jirrisjedu jew stabbiliti kunsiderevolment 'il bogħod mill-Qrati tal-Unjoni, huma kkonċernati. Il-qari restrittiv ta' din id-dispożizzjoni adottat mill-Qorti Ġenerali jikkostitwixxi wkoll diskriminazzjoni bejn il-partijiet fil-kawża skont il-post ta' residenza tagħhom.

84. Prinċipalment, il-Kummissjoni ssostni li dan l-aggravju huwa inammissibbli. Dan huwa minħabba li RF tirreferi għad-drittijiet stabbiliti fil-KEDB u mhux fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") u minħabba li l-argumenti ta' RF ma humiex ċari. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni tqis li dan l-aggravju tal-appell huwa infondat.

85. L-appellanti ċċarat fil-kontroreplika tagħha li dan l-aggravju jallega l-ksur tal-preambolu kif ukoll tal-Artikoli 20, 21 u 47 tal-Karta.

86. Madankollu, dan ma huwiex biżżejjed. Appell għandu jindika b'mod preċiż l-elementi kkontestati tas-sentenza li qiegħed jintalab l-annullament tagħha kif ukoll l-argumenti legali li jsostnu b'mod speċifiku dan l-appell [46].

87. Jiena ninterpreta dan l-aggravju bħala li prinċipalment jallega li l-qari tal-Qorti Ġenerali tal-Artikolu 45 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jiddiskrimina kontra parti bħal RF, parti li ma hijiex stabbilita fil-viċinanzi tal-Qrati tal-Unjoni. Dan huwa minħabba li, skont id-digriet appellat, parti li tixtieq tuża l-għażla stabbilita fl-Artikolu 73(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, jiġifieri, li tagħmel użu kkombinat ta' faks u posta biex tikkomunika atti proċedurali lill-Qorti Ġenerali, ma tistax tibbaża ruħha fuq dewmien anormali fil-kunsinna postali sabiex tiġġustifika nuqqas ta' osservanza tat-terminu previst. Għalhekk, sabiex tkun ċerta li tevita dekadenza, RF ma tistax tuża l-għażla prevista fl-Artikolu 73(3) tar-Regoli tal-Proċedura. Minflok, hija għandha tibgħat ir-rikors bil-posta sew qabel id-data tal-iskadenza tat-terminu previst ta' xahrejn (b'żieda mal-estensjoni ta' għaxart ijiem prevista fl-Artikolu 60 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali minħabba d-distanza).

88. Nissimpatizza xi ftit mal-argument ta' RF. Madankollu, ma nistax ninjora l-fatt li dan l-aggravju ma huwiex suffiċjentement żviluppat fir-rikors u huwa espress f'termini ġenerali mingħajr ma jistabbilixxi b'mod koerenti l-argumenti legali li jikkostitwixxu l-bażi għat-talbiet imressqa. B'mod iktar sempliċi, l-argumenti ma għandhom ebda rigorożità.

44 Ara *inter alia* s-sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, Il-Kummissjoni vs Spanja *et* (C-128/16 P, EU:C:2018:591, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

45 Ara pereżempju s-sentenza tas-6 ta' Settembru 2018, Klein vs Il-Kummissjoni (C-346/17 P, EU:C:2018:679, punti 124 sa 126 u l-ġurisprudenza ċċitata).

46 Ara *inter alia* s-sentenza tal-20 ta' Settembru 2018, Agria Polska *et* vs Il-Kummissjoni (C-373/17 P, EU:C:2018:756, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

89. Peress li ma huwiex f'idejn il-Qorti tal-Ġustizzja li tiżviluppa jew tissupplimenta l-argumenti tal-appellanti sabiex it-teħid ta' deċiżjoni fuq il-mertu jkun possibbli, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara dan l-aggravju bħala inammissibbli. B'mod partikolari, RF naqset milli tidentifika paragun legalment rilevanti fir-rigward tad-diskriminazzjoni allegatament inerenti fid-digriet appellat, u milli tispjega għalfejn dan l-appell seta' jiġi interpretat fis-sens li jinvolvi ksur tad-dritt tal-aċċess għal qrati fis-sens tal-Artikolu 47 tal-Karta.

90. Għaldaqstant, ir-raba' aggravju tal-appell għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

B. Il-konsegwenzi tal-evalwazzjoni

91. Ikkonkludejt li l-Qorti Ġenerali applikat ħażin il-kriterji fil-konstatazzjoni li l-eżistenza ta' każ fortuwitu jew ta' forza maġġuri fis-sens tal-Artikolu 45 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ma ġietx stabbilita. Madankollu, għar-raġunijiet spjegati iktar 'il fuq, jien tal-opinjoni li l-iżball ta' liġi ma jwassalx għall-annullament tad-digriet appellat.

92. Għalhekk, l-appell għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

V. Fuq l-ispejjeż

93. Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba mill-parti li tirbaħ il-kawża.

94. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja taqbel mal-evalwazzjoni tiegħi tal-appell, u sussegwentement, f'konformità mal-Artikoli 137, 138 u 184 tar-Regoli tal-Proċedura, RF għandha tbati l-ispejjeż ta' din il-kawża, kemm fl-ewwel istanza, kif ukoll fl-appell.

VI. Konklużjoni

95. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad l-appell;

– tikkundanna lil RF għall-ispejjeż.